

32003R1287

19.7.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 181/1

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSIL (KE, EURATOM) Nru 1287/2003**  
**tal-15 ta' Lulju 2003**  
**fuq l-armonizzazzjoni tad-dħul gross nazzjonali bi prezzijiet tas-suq**  
**(Regolament GNI)**  
**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/597/KE, Euratom tat-29 ta' Settembru 2000 fuq is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet <sup>(1)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra il-proposta mill-Kummissjoni <sup>(2)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(3)</sup>,

Billi:

- (1) Is-sehem li qed jiġdied tar-riżorsi proprji tal-Komunità bbażat fuq il-prodott gross nazzjonali bi prezzijiet tas-suq (hawnhekk iżjed 'il quddiem msejjaħ GNPmp) ta' l-Istati Membri, jaġġmilha neċessarja illi jissaħħu iżjed il-komparabilità, l-affidabilità u l-eżawrjenza ta' dan l-aggregat.
- (2) Din id-*data* hija ukoll għodda analitika importanti għall-kordinazzjoni tal-politika ekonomika nazzjonali u għal politika varja tal-Komunità.
- (3) Għall-iskopijiet tar-riżorsi proprji, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/597/KE, Euratom tgħid illi l-GNPmp huwa ugwali għad-dħul gross nazzjonali bi prezzijiet tas-suq (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ GNI) kif provdut mill-Kummissjoni fl-applikazzjoni tas-sistema Ewropea ta' kontitjiet nazzjonali u reġjonali (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa ESA 95) skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-sistema Ewropea ta' kontitjiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità <sup>(4)</sup>.
- (4) Id-*data* dwar il-GNI għandha tkun komparabbli. Dawn id-*data* jistgħu jkunu komparabbli biss jekk id-definizzjonijiet u r-regoli tal-kontabilità rilevanti tal-ESA

95 huma mħarsa. Għal dak il-għan, il-proċeduri ta' stima u d-*data* bażika attwalment użata għandhom jippermettu l-applikazzjoni korretta tad-definizzjonijiet u r-regoli tal-kontabilità tal-ESA 95.

- (5) Is-sorsi u l-metodi użati biex ikun kompilat il-GNI għandhom ikunu affidabbli. Dan ifisser illi metodi ta' teknikasani għandhom jiġu applikati kemm jista jkun ma' statistiċi bażiċi li huma b'saħħithom u adatti.
- (6) Id-*data* fuq il-GNI għandha tkun eżawrjenti. Dan ifisser illi għandhom jieħdu ukoll kont ta' l-attivitajiet li m'humiex rapportati fl-istħarriġ ta' l-istatistiċi jew lill-awtoritajiet fiskali, soċjali u awtoritajiet amministrattivi oħra. Rappurtaġġ imtejjeb tal-GNI jassumi l-iżvilupp adatt ta' bażijiet ta' l-istatistika u tal-proċeduri biex isiru l-istimi kif ukoll li jsiru aġġustamenti adegwati.
- (7) Sabiex twestaq il-missjoni tagħha li tipprovdi d-*data* dwar il-GNI għall-għan tar-riżorsi proprji, il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri mmirati biex itejbu l-komparabilità, l-affidabilità u l-eżawrjenza tal-GNI ta' l-Istati Membri.
- (8) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/130/KEE, Euratom tat-13 ta' Frar 1989 dwar l-armonizzazzjoni tal-kumpilazzjoni tal-prodott gross nazzjonali bi prezzijiet tas-suq <sup>(5)</sup> stabbiliet proċedura biex tivverifika u tagħmel stima tal-komparabilità, l-affidabilità u l-eżawrjenza tal-GNP fil-Kumitat tal-GNP li fih l-Istati Membri u l-Kummissjoni jikkooperaw mill-qrib. Din il-proċedura għandha tiġi aġġustata biex tieħu kont ta' l-użu tal-ESA 95 GNI għall-għan tar-riżorsi proprji.
- (9) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tal-poteri ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni <sup>(6)</sup>.
- (10) Il-Kumitat tal-Programm ta' l-Istatistika ġie konsultat skond l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom tad-19 ta' Ġunju 1989 li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(7)</sup>,

<sup>(1)</sup> ĠU L 253, 07.10.00, p. 42.

<sup>(2)</sup> ĠU C 45 E, 25.02.03, p. 61.

<sup>(3)</sup> L-opinjoni tat-12 ta' Marzu 2003 (għada mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(4)</sup> ĠU L 310, tat-30.11.1996, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 359/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 58, tat-28.2.2002, p. 1).

<sup>(5)</sup> ĠU L 49, 21.02.89, p. 26.

<sup>(6)</sup> ĠU L 184, 17.07.99, p. 23.

<sup>(7)</sup> ĠU L 181, tat-28.6.1989, p. 47.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

## Kapitolu I

### Definizzjoni u Kalkolu tad-dħul gross nazzjonali bi prezzijiet tas-suq.

#### Artikolu 1

1. Id-dħul gross nazzjonali meħud bi prezzijiet tas-suq (GNI) u l-prodott gross domestiku bi prezzijiet tas-suq (GDP) għandhom ikunu definiti skond is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali (ESA 95).
2. Il-PGD huwa r-riżultat finali ta' l-attività tal-produzzjoni ta' l-unitajiet tal-produttur residenti. Jista' jkun definit fi tliet modi:
  - (a) Il-prodott gross domestiku huwa s-somma tal-valur gross miżjud tas-setturi istituzzjonali varji jew ta' l-industriji varji li magħhom jżiedu it-taxxi u jitnaqqsu s-sussidji fuq il-prodotti (li m'humiex allokati għas-setturi u għall-industriji). Huwa ukoll l-oġġett ta' bilanċ fil-kont totali tal-produzzjoni ta' l-ekonomija;
  - (b) Il-GDP huwa s-somma ta' l-użu aħħari tal-merkanzija u s-servizzi mill-unitajiet istituzzjonali residenti (il-konsum aħħari attwali u l-formazzjoni tal-kapital grossa) li magħhom jżiedu l-esportazzjonijiet u jitnaqqsu l-importazzjonijiet ta' merkanzija u servizzi;
  - (c) Il-GDP huwa s-somma ta' l-użi fil-ġenerazzjoni ekonomika sħiħa tal-kont tad-dħul (il-kumpens ta' l-impjegati, t-taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjonijiet bit-tnaqqas tas-sussidji, l-*operating surplus* gross u d-dħul imħallat ta' l-ekonomija sħiħa).
3. Id-GNI jirrappreżenta d-dħul primarju sħiħ riċevut mill-unitajiet istituzzjonali residenti: il-kumpens ta' l-impjegati, t-taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjoni bit-tnaqqis tas-sussidji, id-dħul mill-proprietarji (dak imdaħħal li minnhu tnaqqas dak li jiġi mħallas), *operating surplus* gross u d-dħul imħallat gross. Il-GNI huwa ugwali għall-GDP meta tnaqqas id-dħul primarju li għandu jiġi mħallas mill-unitajiet residenti lill-unitajiet mhux residenti u żżid id-dħul primarju li għandu jiġi mdaħħal mill-unitajiet residenti mill-bqija tad-dinja.

## Kapitolu II

### It-tramissjoni tad-data tad-GNI u informazzjoni oħra

#### Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu d-dħul gross nazzjonali skond l-Artikolu 1 fil-kuntest tal-kontijiet nazzjonali regolari.
2. Qabel it-22 ta' Settembru ta' kull sena, l-Istati Membri għandu jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat), fil-kuntest tal-proċeduri tal-kontijiet nazzjonali, bil-figuri għad-dħul gross nazzjonali globali u l-komponenti tiegħu, skond id-definizzjonijiet msemmija fl-Artikolu 1. Is-somom totali għall-prodott gross domestiku u l-komponenti tiegħu jistgħu jiġu ppreżentati skond it-tliet approċi msemmija fl-Artikolu 1(2). Il-figuri provduti għandhom ikopru s-sena preċedenti u xi tibdil magħmul lill-figuri tas-snin preċedenti.
3. Meta jikkomunikaw id-data msemmi fil-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jittrasmettu rapport fuq il-kwalità tad-data tad-dħul gross nazzjonali lill-Kummissjoni (Eurostat). Ir-rapport għandu jipprovdi l-informazzjoni neċessarja biex juri kif

l-ammont globali ġie milħuq, u partikolarment għandu jiddiskrivi jekk kienx hemm xi tibdil sinjifikanti fil-proċeduri u l-istatistiċi bażiċi wżati u jispjega r-reviżjonijiet magħmula lill-istimi tad-dħul gross domestiku preċedenti. Il-kontenut u l-format ta' dan ir-rapport għandhom ikunu skond il-gwidi mfassla mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 4(2).

#### Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat), skond il-linji ta' gwida mfassla mill-istess Kummissjoni u skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 4(2), flimkien ma' inventarju tal-proċeduri u l-istatistiċi bażiċi wżati fil-kalkulazzjoni tad-dħul gross nazzjonali u l-komponenti tiegħu skond l-ESA 95. L-Istati Membri għandhom itejjbu u jaġġornaw l-inventorju tagħhom skond dawk il-linji ta' gwida.

## Kapitolu III

### Il-Proċeduri u l-kontrolli fuq il-kalkulazzjoni tad-dħul gross nazzjonali

#### Artikolu 4

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat, hawnhekk iżjed 'il quddiem msejħa "Il-Kumitat tad-dħul gross nazzjonali", kompost minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri u pprezuduta mir-rappreżentant tal-Kummissjoni.
  2. Fejn tintgħamel riferenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 sa 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.
- Il-perijodu ta' żmien preskritt fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.
3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

#### Artikolu 5

1. Il-Kummissjoni għandha tivverifika r-riżorsi u l-metodi wżati mill-istati Membri biex tikkalkula d-dħul gross nazzjonali. Miżuri sabiex id-data tad-dħul gross nazzjonali ikun iktar komparabbli, affidabbli u eżawrjenti għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 4(2).
2. Il-Kumitat tad-dħul gross nazzjonali għandu jeżamina mistoqsijiet magħmula mill-President tagħha, kemm fuq inizjattiva tiegħu jew fuq talba ta' wieħed mir-rappreżentanti ta' l-istati Membri, li jirrigwardjaw l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, partikolarment b'rigward għal:
  - (a) l-konformità kull sena mad-definizzjonijiet msemmija fl-Artikolu 1;
  - (b) l-eżaminazzjoni kull sena tad-data mibgħuta skond it-termini ta' l-Artikolu 2(2) u l-informazzjoni mibgħuta skond it-termini ta' l-Artikolu 2(3) li jirrigwardja r-riżorsi statistiċi u l-proċeduri għall-kalkulazzjoni tad-dħul gross nazzjonali u l-komponenti tiegħu. Din l-eżaminazzjoni għandha twassal għal opinjoni tal-Kumitat tad-dħul gross nazzjonali fuq kemm hu xieraq id-data tad-dħul gross nazzjonali ta' l-Istati Membri bl-iskop li tintuża bħala riżors tagħha stess b'rispett għall-affidabilità, l-komparabilità, u l-eżawrjenza tagħha. Din l-opinjoni għandha turi fuq liema dokumenti prinċipali l-eżaminazzjoni hija bbażata. Fl-istima ta' l-affidabilità, l-komparabilità, u l-eżawrjenza tad-dħul gross nazzjonali u l-komponenti tagħha l-prinċipju tal-benefiċċju u l-infiq għandu jiġi kkunsidrat.

F'dan il-kuntest, il-prinċipju tal-benefiċċju u l-infiq jinvolve deċiżjoni fuq id-daqs potenzali u sinjifikanza ta' attivitajiet speċifiċi jew operazzjonijiet bbażati fuq kwalunkwe informazzjoni disponibbli. Din l-informazzjoni hija ħafna drabi fuq kwalità, imma tistà tkun ta kwantità f'ċerti każi. Il-Kummissjoni (Eurostat) teżamina l-komparabilità fit-trattament ta' każijiet similari fl-Istati Membri u tirraporta lill-Kumitat tad-dħul gross nazzjonali fuq il-każijiet kollha fejn huwa kkunsidrat li l-prinċipju tal-benefiċċju u l-infiq għandu japplika. L-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju għandu jevita li jittieħdu riżorsi sproporzjonati sabiex jiġu kkalkulati oġġetti insinjifikanti;

(ċ) espressjoni ta l-ideat tagħha, mingħajr preġudizzju għal l-Artikolu 4, fuq il-proposti tal-Kummissjoni li huma mmirati biex itejjbu l-kalkulazzjoni tad-dħul gross nazzjonali, li jinkludi fejn neċessarju l-interpretazzjoni tad-definizzjonijiet ta' l-ESA 95 u tikkwantifika l-impatt ta' dawn il-proposti fuq id-dħul gross nazzjonali.

3. Il-Kumitat tad-dħul gross nazzjonali għandha tagħmel sforzi partikolari biex ittejjeb il-prattiki tal-kompilazzjoni tad-dħul gross nazzjonali ta' l-Istati Membri u biex ixxerred l-aħjar Prattiki f'dan il-qasam.

Għandha ukoll tittratta ma kwistjonijiet li jirrigwardjaw ir-reviżjoni tad-data tad-dħul gross nazzjonali u l-problema tal-kompjutezza tad-dħul gross nazzjonali.

Għandha, jekk neċessarju, tissuġġerixxi miżuri lill-Kummissjoni sabiex tagħmel id-data tad-dħul gross nazzjonali iktar komparabbli u affidabbli.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-15 ta' Lulju 2003.

#### Artikolu 6

Mingħajr preġudizzju għall-ispezzjonijiet previsti fl-Artikolu 19 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000 <sup>(1)</sup>, żjarat ta' informazzjoni għall-GNI, fejn xieraq, jistgħu jsiru b'mod konġunt fl-Istati Membri mis-servizzi tal-Kummissjoni u rappreżentanti minn Stati Membri oħra f'konsultazzjoni ma' l-Istati Membri li għandhom qed issir iż-żjara. Il-parteċipazzjoni ta' l-Istati Membri f'dawn iż-żjarat hija volontarja.

#### Kapitolu IV

#### Dispożizzjonijiet finali

#### Artikolu 7

Qabel it-tmiem ta' l-2005, il-Kummissjoni għandha tressaq rapport skond l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

#### Artikolu 8

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

F'isem il-Kunsill

Il-President

G. TREMONTI

<sup>(1)</sup> ĠU L 130, tal-31.5.2000, p. 1.